LUQA

Minuti tal-Laqgħa Nru. 10 tal-Ħames Kunsill Lokali Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Ħamis, 27 ta' Diċembru 2007 fl-10.00 a.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Is-Sur John Schembri |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joseph Scicluna |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur Victor Caruana<br>Is-Sur Joseph Piscopo A.Mus.L.C.M.<br>Is-Sur Joseph Camilleri<br>Is-Sinjura Lucia Massa |
| **L-Uffiċjali:** | |
| Is-Segretarju Eżek. | Is-Sur Michael Borg |
| **Skużat:** | Dr Frank Psaila |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Riferenzi għall-Minuti
3. Korrispondenza
4. Mozzjonijiet
5. Ħlasijiet

LUQA

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Inqraw il-Minuti tal-Laqgħa Nru 9 li, peress li ma kienx hemm emendi għalihom, ġew approvati fuq mozzjoni tal-Viċi Sindku Joseph Scicluna ssekondata mill-Kunsilliera Lucia Massa.

## 2. REFERENZI GĦALL-MINUTI

2.1 Dwar in-niċċa li kien hemm fi Triq San Pawl, is-Sur Victor Caruana ssuġġerixa li din issir mal-ħajt fejn hemm il-maħżen ta' l-armar fi Triq Mons. Guzeppi Debono.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1 Is-Sindku ta resume' tal-korrispondenza kollha li daħlet sas-27 ta' Diċembru 2007, fosthom ;

a) ittra mill-ASKLM li tikkonferma li l-Gvern aċċetta li l-Kuntratt tax-xogħol tas-Segretarju Eżekuttiv u ta' l-istaff tal-Kunsilli Lokali m'għadux ta' tliet (3) snin imma nbidel għal wieħed indefinit.

b) email mill-AKL dwar il-bdil ta' awguri ta' l-Ewwel tas-Sena lill-President, lill-Prim Ministru u lill-Arċisqof.

c) ittra mill-Bank of Valletta li tgħid li l-Bank aċċetta li jħallas għax-xiri u l-installazzjoni tas-CCTV camera fi Triq Dun Pawl, liema spiża tammonta għal Lm1,205.

d) ittra mill-Union Print li titlob biex tiġi nstallata *traffic-bump* biswit il-bini ta' l-istamperija minħabba l-mod irresponsabbli ta' ċerti sewwieqa li jidħlu hemmhekk ;

e) email mill-ADT li tapprova l-installazzjoni ta' numru ta' *sleeping-policeman* f'numru ta' toroq.

- F'nofs it-tielet item ta' l-Agenda, il-Kunsillier Joseph Paul Piscopo ġibed l-attenzjoni tas-Sindku li taħt l-item '' Referenzi għall-Minuti '' xtaq jitkellem dwar l-incident li nqala' waqt iż-żjara ġewwa Fiumicino. Is-Sindku wieġeb li l-item '' Riferenzi għall-Minuti '' kien għadda u li fuq Fiumicino kull ma jista' jitressaq huwa r-rapport tax-xogħol li għamlet id-delegazjzoni, liema rapport irid jitressaq minnu (Piscopo) bħala l-Kunsillier responsabbli mill-ġemellaġġi.

- Is-Sur Piscopo qal li jrid iressaq każ fil-konfront tas-Segretarju Eżekuttiv.

- Is-Sindku John Schembri ta 'ruling' li l-Kunsillier Joe Piscopo kien 'out of order' u għandna nkomlu bl-agenda.

LUQA

## 4. MOZZJONIJIET

4.1 Mozzjoni mressqa mill-Kunsllier Joe Piscopo u ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri li tgħid li : **l-Kunsill japprova li jsiru Bollards fi Triq Sant'Andrija, Pjazza Sant'Andrija, Triq Dun Pawl u f'toroq oħra tal-Village Core**.

4.1.i Waqt id-diskussjoni li saret fuq il-mozzjoni, is-Sur Piscopo offra li *''free of charge''* jagħmel ix-xogħol tad-disinni fuq dan il-bollards. Il-Kunsill laqa' din l-offerta.

4.1.ii Din il-Mozzjoni ġiet approvata unanimament.

## 5. ĦLASIJIET

5.1 Il-Kunsill approva l-ħlasijiet kollha li daħlu sas-27 ta' Diċembru 2007 u li lista tagħhom ġiet ippreżentata mis-Segretarju Eżekuttiv.

- Peress li ma kienx hemm items oħra x'jiġu diskussi, fil-11.15 a.m. is-Sindku ddikjara l-laqgħa bħala magħluqa.

  - Konfermati llum 28 ta' Jannar 2008.

| | |
|---|---|
| John Schembri<br>Sindku | Michael Borg<br>Segretarju Eżekuttiv |